**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 27 – IL-ĦAMIS 28 TA' LULJU 2011

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. IL-KUNSIDERAZZJONI U L-APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti nqraw u wara li kienu approvati bi tliet voti favur – Dr Ian Castaldi Paris, is-Sinjura Magda Magri Naudi, is-Sur Jeremy Anthony Dalli – u tnejn kontra – is-Sinjorina Lorraine Farrugia Dr Marc Sant, ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

1.2 Dokumenti annessi:

a. Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, immarkat A

b. Il-Kunsilliera, is-Sinjorina Lorraine Farrugia, immarkat B
c. Il-Kunsillier, Dr Marc Sant, immarkat C

1.3 Lista ta' pagamenti annessa ġiet approvata fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi sekondata mis-Sur Jeremy Anthony Dalli.

## 2 IL-ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU

2.1 Fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondata minn Dr Marc Sant, il-Kunsill approva biex is-Sinjur Hugh Arnett jagħti konsulenza dwar:

d. It-tibdil li jinħtieġ li jsir rigward sinjali tat-traffiku fi Triq Robert Mifsud Bonniċi biex il-problema kkawżata kull meta tingħalaq din it-triq minħabba l-iskola Primarja tkun rimedjata;
e. It-tibdil fid-direzzjoni tat-traffiku fit-toroq ta' Triq Ramiro Barbaro, Triq Mario Aguis u Triq il-Kbira, għar-raġuni li qed ikun hemm problema ta' periklu għar-residenti meta t-trakkijiet jgħaddu minn dawn it-toroq.
f. Sinjali tat-traffiku u 'parking bays' fl-inħawi tal-Mirakli, Triq Annibale Preca, Triq il-Mitħna, u Triq San Luċinju.
g. Sinjali tat-traffiku u 'parking base' fi Triq Sant'Andrija, kantuniera ma' Triq il-Forn, fejn il-kappella ta' Sant' Andrija.

2.2 Il-Perit John Rizzo Naudi ġie notifikat biex iħejji 'site plan' b'dawn is-sinjali tat-traffiku fiż-żona tal-Mirakli u fiż-żona ta' ħdejn Sant'Andrija.

2.3 Rapport dettaljat mis-Sur Hugh Arnett in liaison mal-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi (Kunsilliera inkarigata mill-ġestjoni tat-traffiku), tax-xogħlijiet li jridu jsiru f'dan ir-rigward għandhom jitresqu quddiem il-Kunsill għal approvazzjoni qabel ma jkunu indirizzati lit-Transport Malta.

## 3. IL-PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP – IT-TOROQ

3.1 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, informa lill-Kunsill dwar ix-xogħlijiet fi Triq Annibale Preca. Huwa qal li skont l-aħħar informazzjoni mill-Contract Manager, il-Perit John Rizzo Naudi, responsabbli minn dawn ix-xogħlijiet, il-Kuntrattur kellu jerga' jagħmel trinka mill-ġdid wara li din ikkrollat meta għadda truck mingħajr permess.

3.2 Il-Perit John Rizzo Naudi qal ukoll li x-xogħlijiet biex jinbidlu l-mains tad-dranaġġ kif ukoll tal-ilma kien akbar minn dak previst bir-riżultat li żdiedu l-ġranet tax-xogħol.

3.3 Għar-raġuni li dan ix-xogħol kien ser ifisser li t-triq tingħalaq għal madwar ġimagħtejn, il-Kuntrattur iddeċieda li jwaqqaf dan ix-xogħol u informa lill-Perit li x-xogħol ser jitkompla fit-8 ta' Awwissu, wara l-festa.

## 4. URBAN IMPROVEMENT FUNDS (UIF)

4.1 Fuq proposta tas-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, sekondata mil-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, il-Kunsill unanimament qabel biex permezz tal-UIF isiru xogħlijiet meħtieġa fil-qalba tar-raħal b'mod speċjali fl-isqaqien.

4.2 Il-Perit John Rizzo Naudi għandu jkun inkarigat biex jagħmel lista tax-xogħlijiet meħtieġa f'dawn l-isqaqien biex din titressaq quddiem il-Kunsill qabel ma' ssir it-talba għall-fondi.

## 5. ATTIVITÀ KULTURALI

**ġ**

a. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia, ipproponiet biex tinżamm ħarġa kulturali ġewwa Kemuna, fejn wieħed jista' jżur is-sit storiku – Torri ta' Għawdex u Fortizzi oħrajn.
b. Wara diskussjoni, il-kunsilliera qablu biex din l-attività tinżamm fi żmien aktar tard wara s-sajf.

- **KORSIJIET TA' TAĦRIG FIL-KUNSILL**

  a. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia pproponiet biex jinżammu korsijiet ta' taħriġ edukattivi fl-uffiċċju tal-Kunsill. Dawn jistgħu jkunu dwar xogħlijiet ta' artijanat jew I.T. jew xi suġġet ieħor edukattiv li għandu jkun ta' interess għar-residenti. Aktar detallji għandhom jitressqu fil-laqgħa li jmiss.

## 6. VILLA OLEANDER

6.1 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, informa lill-Kunsill dwar is-seduta tat-Tribunal ta' Revizjoni ta' L-Ambjent u L-Ippjanar, li nżammet fit-28 ta' Lulju 2011.

6.2 Deċiżjoni: It-Tribunal għalhekk qed jiddisponi minn dan l-appel billi jilqa' l-istess u konsegwentament jordna li jiġi revokat il-permess mogħti lil l-applikant Dr Carmelo Galea li kien approvat mid-DCC fit-23 ta' Marzu, 2008.

6.3 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, ippropona u l-Kunsill unanimament approva, biex tintbagħt 'press release' sabiex din l-informazzjoni tixxandar fuq il-media.

## 7. MOZZJONI NUMRU 5/2011

**MOZZJONI DWAR SKEMA RAPPREŻENTANZA TAL-KUNSILL FIL-LAQGĦA TAR-REĠJUN – PROPONENT DR MARC SANT, SEKONDANT IS-SINJORINA LORRAINE FARRUGIA.**

a. Il-Proponent, is-Sur Marc Sant, ressaq il-mozzjoni tiegħu.

b. Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, għamel spjegazzjoni dwar l-attendza fil-laqgħat ta' dan ir-Reġjun fejn qal ukoll li ħafna drabi f'dawn il-laqgħat wara li jissejħu ma jkunx hemm kworum u għalhekk qabel jattendi kien qed iżomm kuntatt maċ-chariman fejn dan kien jinfurmah meta l-laqgħa ma tkunx ser isseħħ.

c. Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, ippropona biex il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, tkun tista' tattendi hija ukoll għal-dawn il-laqgħat bħala sostitut.

d. Din il-proposta, sekondata mis-Sur Jeremy Anthony Dalli ġiet approvata unanimament.

e. Wara din l-spjegazzjoni, ma kienx hemm aktar kummenti.

## 8. MOZZJONI NUMRU 6/2011

**MOZZJONI DWAR PARKEĠĠ F'TARF TRIQ SANT'ANDRIJA MA' TRIQ IL-FORN – PROPONENT DR MARC SANT, SEKONDANT IS-SINJORINA LORRAINE FARRUGIA.**

a. Il-Proponent, Dr Marc Sant, ressaq il-mozzjoni tiegħu.

b. Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill dwar l-azzjoni li ttieħdet biex il-Perit John Rizzo Naudi jħejji l-pjanti neċessarji biex isir ix-xogħol tas-sinjali tat-traffiku.

c. Wara din l-ispjegazzjoni ma kienx hemm aktar kummenti.

## 9. MOZZJONI NUMRU 7/2011

**MOZZJONI DWAR ĦTIEGA TA' 'PATCHING' – PROPONENT DR MARC SANT, SEKONDANT IS-SINJORINA LORRAINE FARRUGIA.**

a. Il-Proponent, is-Sur Marc Sant, ressaq il-mozzjoni tiegħu.

b. Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill li qed jinġabru aktar kwotazzjonijiet biex ix-xogħol ta' 'patching' ikun jista' jsir.

c. Wara din l-ispjegazzjoni ma kienx hemm aktar kummenti.

## 10. MOZZJONI NUMRU 8/2011

**MOZZJONI DWAR SITI KOSTRUZZJONI ĠEWWA ĦAL LIJA – PROPONENT DR MARC SANT, SEKONDANT IS-SINJORINA LORRAINE FARRUGIA.**

a. Il-Proponent, Dr Marc Sant, ressaq il-mozzjoni tiegħu.

b. Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, informa lill-Kunsill li huwa, flimkien mas-Segretarju tal-Kunsill, is-Sur Alfred Buhagiar, kienu infurmaw kemm lill-Pulizija kif ukoll il-MEPA biex jieħdu azzjoni dwar il-ħajt fi Triq il-Kunċizzjoni, fejn hemm 'enforcement notice' mill-MEPA biex iwaqqaf l-izvilupp f'din is-sit.

c. Is-Sindku qal ukoll li dan il-ħajt għalkemm ġie irranġat, xorta għadu 'eyesore' estetikament.

d. Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill li l-appel tal-Board dwar dan is-sit ta konstruzzjoni għandhu jinżamm fl-14 ta' Settembru 2011.

e. Dwar il-pavimentar ħdejn Villa Oleandar is-sid intalab jirranġa din il-bankina malajr kemm jista' jkun.

f. Wara din l-ispjegazzjoni ma kienx hemm aktar kummenti.

## 11. MOZZJONI NUMRU 9/2011

**MOZZJONI BIEX JIĠU INSTALLATI PELICAN LIGHTS JEW TRAFFIC LIGHTS – PROPONENT DR MARC SANT, SEKONDANT IS-SINJORINA LORRAINE FARRUGIA.**

a. Il-Proponent, Dr Marc Sant, ressaq il-mozzjoni tiegħu.

b. Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill li il-Pelican Lights fi Triq Trasfigurazzjoni ser jitpoġġew mal-lanterni ornamentali fl-istess Triq bl-għajnuna tal-enemalta.

c. Wara din l-ispjegazzjoni ma kienx hemm aktar kummenti.

## 12. MOZZJONI NUMRU 10/2011

**MOZZJONI BIEX ISIRU 'PARKING BAYS' FIŻ-ŻONA TA' TAL-MIRAKLI – PROPONENT DR MARC SANT, SEKONDANT IS-SINJORINA LORRAINE FARRUGIA.**

a. Il-Proponent, Dr Marc Sant, ressaq il-mozzjoni tiegħu.

b. Spjegazzoni dwar din il-mozzjoni ġiet mogħtija fil-mozzjoni numru sitta fejn ġiet spjegat li l-Perit John Rizzo Naudi għandu jħejji pjanti neċessarji dwar sinjali tat-traffiku anke fiż-żona tal-Kapella tal-Mirakli.

c. Wara din l-ispjegazzjoni ma kienx hemm aktar kummenti.

## 13. MOZZJONI NUMRU 11/2011

**MOZZJONI BIEX IL-KUNSILL IKUN MAGĦRRAF DWAR L-ONORARJA TAS-SINDKU – PROPONENT DR MARC SANT, SEKONDANT IS-SINJORINA LORRAINE FARRUGIA.**

a. Il-Proponent, Dr Marc Sant, ressaq il-mozzjoni tiegħu.

b. Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa l-Kunsill li l-onorarja tas-Sindku tingħata skont memos li jinħargu mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali minn żmien għal żmien.

c. Wara din l-ispjegazzjoni ma kienx hemm aktar kummenti.

## 14. MOZZJONI NUMRU 12/2011

**MOZZJONI DWAR L-INSTALLAZJONI TA' ATM F'ĦAL LIJA – PROPONENT DR MARC SANT, SEKONDANT IS-SINJORINA LORRAINE FARRUGIA.**

a. Il-Proponent, Dr Marc Sant, ressaq il-mozzjoni tiegħu.

b. Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, informa lill-Kunsill dwar laqgħat li huwa kellu mal-Manager tal-BOV biex titwaħħal ATM fi Triq Transifgurazzjoni.

c. Għal raguni li kien hemm oġġezjoni mill-bank biex din titwaħħal f'dan il-post, il-BOV qegħdin f'kuntatti biex din l-ATM titpoġġa mal-Kazin tal-Banda San Pio X.

d. Wara din l-ispjegazzjoni ma kienx hemm aktar kummenti.

## 15. MOZZJONI NUMRU 13/2011

**MOZZJONI DWAR INSTALLAZZJONI TA' BARRIERS FI TRIQ IL-KNISJA – PROPONENT DR MARC SANT, SEKONDANT IS-SINJORINA LORRAINE FARRUGIA.**

a. Il-Proponent, Dr Marc Sant, ressaq il-mozzjoni tiegħu.

b. Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, informa lill-Kunsill li fiż-żmien diġà kien hemm barrier u din tneħħiet għar-raġuni li kien hemm oġġezzjoni mir-residenti f'din it-Triq.

c. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera, ġie deċiż biex jittieħed parir dwar dan it-tibdil fis-sinjali tat-traffiku mingħand is-Sur Hugh Arnett bħala l-konsulent tal-Kunsill dwar ġestjoni tat-traffiku fil-Lokalità.

d. Wara din l-ispjegazzjoni ma kienx hemm aktar kummenti.

## 16. MOZZJONI NUMRU 14/2011

**MOZZJONI GĦAL DISKUSSJONI DWAR IL-FESTIVAL TAĊ-ĊITRU – PROPONENT DR MARC SANT, SEKONDANT IS-SINJORINA LORRAINE FARRUGIA.**

a. Il-Proponent, Dr Marc Sant, ressaq il-mozzjoni tiegħu.

b. Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, poġġa quddiem il-Kunsill ir-renditkont tal-ħruġ u d-dħul li jirriżulta mill-attività Festival taċ-Ċitru li nżammet f'Jannar 2011.

c. L-irċevuti kienu diġà ddaħħlu mal-lista ta' pagamenti li tkun approvata kull xahar taħt attiviatjiet Kulturali Citrus Festival.

d. Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, għamlet spjegazzjoni dwar l-andament ta' dan il-Festival.

e. Wara diskussjoni, il-Kunsilliera unanimament qablu biex dan il-Festival jerga' jkun diskuss qabel ma jerġa' jinżamm f'Jannar tat-2012.

f. Wara din l-ispjegazzjoni ma kienx hemm aktar kummenti.

## 17. MOZZJONI NUMRU 15/2011

**MOZZJONI DWAR IL-PETIZZJONI MIBGĦUTA L-KUNSILL – PROPONENT DR MARC SANT, SEKONDANT IS-SINJORINA LORRAINE FARRUGIA.**

a. Il-Proponent, Dr Marc Sant, ressaq il-mozzjoni tiegħu.

b. Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill dwar it-talba imsemmija fil-petizzjoni biex it-Triq Andrea Zammit tkun żona għar-residenti biss tal-istess triq.

c. Għar-raġuni li Transport Malta dak iż-żmien Awtorita tat-Transport ma kenitx taċetta biex isiru żoni għar-residenti biss, din it-talba ma kienx possibli li tkun aċettata.

d. Ġie innutat ukoll li fi Triq Ġuzeppi Cali' kellhom jitneħħew is-sinjali tat-traffiku – 'residents only'.

e. Wara diskussjoni il-Kunsilliera qablu unanimament biex is-Sur Hugh Arnett jieħu nota dwar dan is-suġġeriment u jekk ikun possibli ssir talba oħra lill-Transport Malta b'dan is-suġġeriment fil-petizzjoni.

f. Wara din l-ispjegazzjoni ma kienx hemm aktar kummenti.

## 18. MOZZJONI NUMRU 16/2011

**MOZZJONI DWAR IL-PROBLEMA TAN-NAĦAL LEJN TRIQ PREZIOSI – PROPONENT DR MARC SANT, SEKONDANT IS-SINJORINA LORRAINE FARRUGIA.**

a. Il-Proponent, Dr Marc Sant, ressaq il-mozzjoni tiegħu.

b. Din il-problema dwar in-naħal kienet rappurtata lid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura fejn kien ġie notifikat is-Sur Philip Camilleri bħala uffiċċjal f'dan id-Dipartiment fis-sezzjoni tal-Għammieri.

c. Ir-residenti xorta għadhom jilmentaw dwar din il-problema u għalhekk għandha terġa' tinġibed l-attenzjoni dwar dan l-ilment li-Dipartiment tal-Agrikoltura.

d. Wara din l-ispjegazzjoni ma kienx hemm aktar kummenti.

## 19. MOZZJONI NUMRU 17/2011

**MOZZJONI BIEX ISSIR MANUTENZJONI – PROPONENT DR MARC SANT, SEKONDANT IS-SINJORINA LORRAINE FARRUGIA.**

a. Il-Proponent, Dr Marc Sant, ressaq il-mozzjoni tiegħu.

b. Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, innota illi għall-ilmenti kollha msemmija hawn fuq ittieħdet azzjoni mill-ħaddiema tal-Kunsill biex issa dawn ġew solvuti.

c. Wara din l-ispjegazzjoni ma kienx hemm aktar kummenti.

## 20. IL-LAQGĦA

a. Il-laqgħa ntemmet fis-7.45p.m.

Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 31 ta' Awissu 2011 fil-5.00 p.m..

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Sur Alfred Buhagiar |
| Is-Sindku | Is-Segretarju Eżekuttiv |